**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN**

**26 ta' OTTUBRU, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Kunsillier is-Sur Pierre Farrugia nforma li ma setgħax jattendi minħabba raġuni ta' xogħol. **(Dok 1. Mehmuż)**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **20.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 20.1.1 | | Fir-rigward ta' punt 18.11.8, il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa jekk id-draft ta' ittra li l-Kunsill kellu jibghat lill-Prim Ministru saritx. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard wieġeb fin-negattiv u qal li din il-ġimgħa jieħu ħsiebha. |
| | | |
| 20.1.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-proġett tat-twessiegħ ta' Vjal ix-Xarolla. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nhar il-Erbgħa 16 ta' Novembru, TM ser tagħmel laqgħat mar-residenti li jixtiequ aktar informazzjoni fuq il-proġett. Hi nfurmat li intbagħtu |

| | | |
|---|---|---|
| | | ittri lir-residenti ta' Vjal ix-Xarolla biex tinfurmhom u l-avviż ġie ppubblikat ukoll fil-paġa ta' facebook tal-Kunsill Lokali. |
| | | |
| 20.1.3 | | Fir-rigward ta' punt 18.11.5 il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ma jaqbilx mal-mod kif is-Sindku u żewġ kunsilliera għamlu żjara fi Sqallija mingħajr ma għaddiet minn seduta tal-Kunsill, għad-diskussjoni u approvazzjoni. Hu żied jgħid li l-proċedura tal-Kunsill hi li kull fondi li jintnefqu jkunu approvati waqt seduta.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għalkemm jaqbel perfettament mal-Kunsillier Dino Bonnici, filwaqt li spjega għalfejn il-mawra saret fi żmien qasir qabel ma saret seduta ta' kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li waqt l-attivita' tal-orkestra li saret is-Sibt 15 ta' Ottubru, attendew koppja li toqgħod Pedara u tkellmu mal-Kunsilliera preżenti u wrew ix-xewqa li jiltaqgħu ma' rappreżentanza tal-Kunsill taż-Żurrieq f'Pedara. Huma infrumaw ukoll li fix-xahar ta' Novembru ma kienx possibli għalihom li jiltaqgħu minħabba li kienu ser ikunu mpenjati f'assemblea. Ġew iċċekjati l-ispejjeż tal-biljetti u l-orħos li nstabu kienu għad data tat-22 ta' Ottubru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill kollu b'email u ħadd ma oġġezzjona. |
| | | |
| 20.1.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq punt 18.11.7. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser issir laqgħa bejn il-Kunsilli Lokali ta' wara l-mina, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru, fil-Kunsill Lokali Ħal Kirkop fis- 18:30. |
| | | |
| 20.1.5 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmintax u d-dgħatax –il seduta. |
| | | |
| ***20.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 20.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 27 u 28. |
| | | |
| 20.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 17 u 18. |
| | | |
| ***20.3*** | | ***APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar*** |
| | | |
| 20.3.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***20.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 20.4.1 | | Is-Sindku fakkar l-inizjattiva tal-Kunsillier Joseph D'Amato fuq l-attivita' li ttellgħet f'Misraħ Repubblika fil-15 ta' Ottubru. Hu faħħar u rringrazzja ukoll lis-Sotto Kumitat Kultura, lill-Viċi Sindku tal-għajnuna, lill-istazjon F Living tar-reklamar bla ħlas u lill-Onorevoli Owen Bonnici u David Agius li attendew għall-attivita'.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lis-Sotto Kumitat Kultura u Turiżmu, lid-Direttur tal-Gvern Lokali u lis-Sindku David Schembri tal-Qrendi tal-attendenza, lill-ħaddiema tal-IPSL u ETC, b'mod speċjali lis-Sur Ray Camilleri tal-IPSL li dam jgħati l-għajnuna sa tard bil-lejl.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia rringrazzja lil min offra l-palk għall-okkażjoni. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li għalkemm kellu kliem ta' tifħir għall-attivita', jħoss li din kellha tispiċċa bid-daqq tal-Innu Malti jew tal-inqas bl-Innu taż-Żurrieq. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jilqa' kritika kostruttiva u lest li jitkellimha fis-sotto kumitat. |
| | | |
| 20.4.2 | | Is-Sindku rrefera għal-mawra li hu u l-Kunsilliera David Abdilla u Joseph D'Amato kellhom nhar is-Sibt 22 ta' Ottubru, 2016 f'Pedara fi Sqallija. Hu qal li filgħodu kmieni ġew milqugħa mis-Sindku ta' Pedara fl-ajruport u ħadhom għal-kolazzjon, wara għal fuq il-muntanja Etna u wara fil-Kunsill tagħhom.<br>Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li ż-Żurrieq u Pedara għandhom dawn l-affarijiet komuni bejniethom:<br>Fil-knisja tagħhom hemm statwi ta' Santa Katarina u tal-Madonna tal-Karmnu. Diversi pittura ta' Mattia Preti. Fil-kolonni tal-knisja hemm l-arma tas-salib ta' Malta. Pedara kienu jaħżnu s-silġ u jimportawh lejn Malta.<br>Is-Sindku qal li lest li jorganizza mawriet għar-residenti Żrieraq, għal weekend f'Pedara u fil-madwar.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill ta' Pedara kien akkoljenti ħafna u jekk dan il-ġemellaġġ jirnexxi, ser ikun l-ewwel wieħed għalihom, fejn iż-Żurrieq jkun jista jigwadanja minn fondi tal-UE, l-ispejjeż tal-ivjaġġar huma minimi. Hu żied jgħid li f'ġurnal minn Pedara diġa ssemma li ż-Żurrieq qedgħin f'taħdidied li jibdew ġemellaġġ magħhom. Hu qal li waqt il-mawra tagħhom inzertaw kompetizzjoni tal-għasafar fejn kienu qed jikkompetu u rebħu xi maltin.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla li hu nkarigat mill-ġemellaġġi qal li ż-Żurrieq jista jigwadanja minn dan il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ġemellaġġ minħabba l-Kultura ogħlja li jħaddnu u l-kumplessi sportivi li għandhom. Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li l-Kunsill jistieden delegazzjoni minn Pedara biex tiġi fiż-Żurrieq għax anke jekk dan il-ġemellaġġ ma jsirx, dejjem jista jkun hemm skambji ta' ħbiberija u meta jiġu għandhom ikunu stmati kif stmaw liż-Żrieraq.<br><br>Is-Sindku ressaq riżoluzzjoni biex tintalab l-approvazzjoni tad-DLG biex jinbeda dan il-ġemellaġġ. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 20.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill b'talba ta' permess biex titpoġġa *kiddie ride machine* fi Triq Stefano Zerafa k/m Triq Dun Guzepp Zammit quddiem ħanut.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jkun sensittiv ma persuni li qed jippruvaw itejbu l-kummerċ tagħhom u jekk dan jimxi skont il-liġi l-Kunsill ma għandu isib oġġezzjoni.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qrat parti mil-leġislazzjoni sussidjarja 441.04 punt 6 tar-Regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali.<br>*6. (1) Ebda persuna ma tista' tqiegħed jew tħalli li jitqiegħed f'xi triq Kiddie Ride Machine jew makna tal-bejgħ awtomatika mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali.*<br>*(2) L-applikant għandu flimkien ma' l-applikazzjoni jippreżenta:*<br>*(a) ritratt u qisien tal-Kiddie Ride Machine jew makna tal-bejgħ awtomatika;*<br>*(b) ritrtt u pjanta tal-post fejn tkun ser titqiegħed il-Kiddie Ride Machine jew il-makna tal-bejgħ awtomatika;*<br>*(c)kopja tal-permess mingħand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u d-Dipartiment tal-Artijiet jekk ikun il-każ.*<br><br>Kien hemm qbil li dan l-item jitressaq f'seduta oħra wara li sid il-ħanut jġib għall-attenzjoni tal-kunsill dak mitlub minnu. |
| | | |
| 20.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku kellu laqgħa mal-kumpanija AOST li jgħamlu korsijiet ta' first aid u kors tan-Nautical licence. Dawn lesti li jgħamlu korsijiet fiż-Żurrieq jekk il-Kunsill jaċċetta li joffri post.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħamel biss il-kors tal-first aid, wara li AOST ikun mistoqsi jekk il-kors hux ikkreditat u recognised u jekk il-Kunsill hux ser jieħu xi tip ta' donazzjoni minn fuq kull persuna li tattendi għal-kors. Jekk ir-risposti jkunu fl-affermattiv il-Kunsill ma |

| | | |
|---|---|---|
| | | jsibx oġġezzjoni li joffri l-post ta' Dar Mattia Preti. |
| | | |
| 20.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' lukandi/restaurants bil-menu tal-Milied biex isir booking għal-ikla ta' bejn il-Kunsilliera u l-impjegati.<br>Ġiet magħżula d-data tas-7 ta' Diċembru u l-post jew The Palace jew San Antonio jew id-Dolmen jew Radisson. Għal din l-ikla ġew mistiedna ukoll il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| 20.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta li ġiet minn The Green Hub, fejn qed jipproponu li l-Kunsill ikollu trolley fil-Kunsill li jiġbor materjal tal-elettriku (WEEE). F'dan it-trolley ir-residenti jkunu jistgħu jiddepożitaw materjal elettroniku żgħir. U għall kull tunnellata materjal li jinġabar il-kumpanija toffri 20Euro.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jaċċettax dan it-trolley minħabba nuqqas ta' spazju fl-uffiċċini tal-Kunsill. |
| | | |
| 20.4.7 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-Perit tal-Kunsill jekk jistax jingħata permess li l-Kunsill itella sular ieħor mal-uffiċċju tal-Kunsill. |
| | | |
| 20.4.8 | | Is-Sindku qal li kellu laqgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u mal-Onorevoli Silvio Parnis – iċ-Chairperson tal-Kumitat Konsultattiv tan-nofsinhar ta' Malta, fejn approva li jgħati 12 –il siġra bil-ħamrija u tħawwil fit-triq li tinsab fil-ġemb ta' Ġnien il-Ġibjun.<br>L-Onorevoli Silvio Parnis qal ukoll li lest li jgħin biex sidien tal-għelieqi jingħataw permess biex jibnu ħajt ħalli ma jkomplix jinġema skart fihom.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu x'jaqsam mal-bankina biss, l-kumplament hu tal-privat. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li jsiru żewġ filati tul il-bankina kollha. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***20.5*** | | ***Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-offerti:***<br>***PC67/02/2016 – The cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Manner***<br>***BR67/02/2016 – Collection of Bulky refuse in an Environmentally Friendly Manner*** |
| | | |
| 20.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ż-żeġ tenders infetħu fl-10 ta' Ottubru, 2016 fl-10:00 u fl-10:30 rispettivament, mis-Sindku u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. Wara saret laqgħa bejn il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ impjegati fejn raw li d-dokumenti kollha annessi kienu skont kif intalbu fit-tender. Dan kollu taħt is-sorveljanza tad- |

Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, minħabba li dawn kienu l-ewwel żewġ tenders bis-sistema ta' EPPS.

L-offerenti kienu kif ġej u kollha kellhom dak rikjest:
***PC67/02/2016 – The cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Manner***

| **Tender ID** | **Tenderer name** | **Financial offer** [after arithmetical correction] **(Euro)** | **Final ranking** |
|---|---|---|---|
| **000063648** | MARY CURMI | 7080 | 1 |
| **000063642** | SHANTYS CONSTRUCTION LTD | 27221 | 2 |

***BR67/02/2016 – Collection of Bulky refuse in an Environmentally Friendly Manner***

| **Tender ID** | **Tenderer name** | **Financial offer** [after arithmetical correction] **(Euro)** | **Final ranking** |
|---|---|---|---|
| **000063571** | KEVIN FARRUGIA | 1.26 | 1 |
| **000063650** | GAETANO GALEA | 2.10 | 2 |
| **000063655** | RONALD BEZZINA | 2.55 | 3 |
| **000063635** | JONATHAN MANGION | 2.99 | 4 |

Kien hemm qbil unanimu li l-orħos offerenti jieħdu l-kuntratti ta' ***PC67/02/2016 – The cleaning and Attendance of Public Conveniences in an Environmentally Friendly Manner u BR67/02/2016 – Collection of Bulky refuse in an Environmentally Friendly Manner.***

Kien hemm qbil mal-evaluation report li tressaq u li ġie ffirmat mill-ġudikaturi.

Kien hemm qbil li l-Kuntrattur preżenti tal-Kuntratt tal-Bulky Refuse jiġġeddiddlu l-kuntratt tal-15 ta' Novembru, 2016, biex ikun hemm ċans għall-oġġezzjonijiet tal-kuntratti.

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***20.9*** | | ***ZURRIEQ HALF MARATHON (kienu preżenti s-Sinjuri Joe Micallef mill-Malta Marathon Organisation Committee u Paul Camilleri u Cliffton Caruana miż-Żurrieq Wolves)*** |
| | | |
| 20.9.1 | | F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici ressaq mozzjoni biex item 20.9 fl-aġenda jiġi mmexxi l-quddiem u jiġi diskuss f'dan il-ħin. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 20.9.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici nkarigat mill-isports laqa' lill-persuni nkarigati mill-maratona u filwaqt li faħħar il-maratona li ta kull sena qed iżżid fil-popolarita, nfurmahom li fis-snin preċedenti saret kritika li l-Kunsill Lokali ma kienx qed jingħata promozzjoni tax-xogħol li jgħati fl-attivita'. Hu qal li l-Kunsill hu obbligat li jagħti rendikont tal-fondi li jonfoq fl-attivitajiet.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil dawk preżenti li l-isem tal-Kunsill Lokali għandu jkun imniżżel f'kull promozzjoni li tingħata għall-din l-attivita' u anke fuq it-trophies.<br><br>Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkun rikonoxxut għall-fondi li jħallas.<br><br>Is-Sur Joe Micallef ta garanzija li din il-maratona ser tibqa tikber u li għal din is-sena diġa applikaw 'il fuq minn 900 ruħ. Hu wera samples ta' biljetti li ser jeħlu mal-flokkijiet tal-parteċipanti, inflatable arch, midalji u kull pubblikazzjoni fejn hemm l-arma tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u l-isem.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li ssir konferenza stampa ġimgħa qabel l-attivita' biex tingħata aktar promozzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Wara li s-Sinjuri preżenti, ħarġu mis-seduta, kienhemm qbil unanimu li l-Kunsill jerġa jalloka ;-ammont ta' 1,500 Euro f'affarijiet u servizzi għal din l-attivita. |
| | | |
| ***20.6*** | | ***KUNSILL NEWS*** |
| | | |
| 20.6.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jibda joħroġ il-Kunsill News tal-inqas darbtejn fis-sena. F'dan il-punt, is-Sindku qal li m'għandux ħin jaħdem fuq il-Kunsill News għal din is-sena. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li l-Kunsill News fis-sena 2017 toħroġ f'Mejju u f'Novembru. F'Diċembru joħroġ il-kalendarju li jagħmel is-Sotto Kumitat Kultura u turiżmu. |
| | | |
| ***20.7*** | | ***SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 20.7.1 | | Is-Sindku qal li s-Sotto Kumitati li jmexxu l-Kunsilliera Kenneth Farrugia u Tiffany Ann Farrugia mhumiex funzjonabbli u g]alhekk jissuġġerixxi li jxolju.<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hu jħossu offiż meta s-Sindku ħa inizjattiva li suppost taqa' taħt id-dekasteru tiegħu, mingħajr biss ma infurmah. Hu żied jgħid li sar jaf minn face book li s-Sindku beda jdur it-toroq u jwaħħal posters mad-djar tar-residenti li joħroġu l-borża tal-iskart fil-jum li ma jinġabarx.<br>F'dan il-ħin is-Sindku talab apoloġija.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ma qabilx mas-Sindku li s-sotto kumitat tiegħu għandu jxolji.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li għalkemm hi u s-sotto kumitat li tmexxi ma jiltaqgħux spiss, minħabba l-ħinijiet tagħha fl-universita', xorta għandha kuntatt mal-mebri tas-sotto kumitat u għalhekk ma tridx li dan is-sotto kumitat ixolji. |
| | | |
| ***20.8*** | | ***RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART – IT-TIELET KWART*** |
| | | |
| 20.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena, mħejji mill-Accountat tal-Kunsill.<br><br>Dan ġie approvat biex jitressaq lid-Dipartiment.<br><br>Kien hemm qbil li fir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart, tiġi mistiedna l-accountant tal-Kunsill biex tispjega l-finanzi tal-kunsill. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***20.10*** | | ***RIŻENJA TAL-IMPJEGAT OMAR FARRUGIA*** |
| | | |
| 20.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-impjegat Omar Farrugia nhar il-Ħamis 13 ta' Ottubru, 2016 taha r-riżenja tiegħu u qal li lest li jaħdem 15 –il ġurnata għax sab impjieg ġdida li ser jibda fi żmien qasir.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li skont il-kuntratt u l-collective agreement li jiġi ffirmat mill-impjegati tal-Kunsilli Lokali, in-notice għandu jkun ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | disgħin jum u kkwotat parti mill-kuntratt iffirmat:<br>*2.03 Kull parti tista ttemm dan il-kuntratt mingħajr ebda nuqqas jew obbligazzjoni imma bil-kunsens mifiehem miż-żewġ naħat jew b'avviż bil-miktub lill-parti l-oħra minn (90) jum qabel.*<br>*Iż-żmien tal-avviż jibda jgħodd mid-data meta dan jasal fl-uffiċċju reġistrat tal-Kunsill jew għand l-impjegat, skond ma jkun il-każ.*<br>*Il-parti li tonqos milli tagħti dan l-avviż bil-miktub tkun obbligata tħallas lill-parti l-oħra somma li tkun daqs is-salarju li kieku kien jitħallas pro rata għall-perjodu li jkun jonqos sakemm jagħlaq l-avviż.*<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mistoqsija jekk l-impjegati li jinsabu fuq bażi reduced humix lesti li jibdew jaħdmu full time. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li staqsiet liż-żewġ imjegati bir-reduced hours u nfurmaw li għadhom mhumiex lesti li jaħdmu fuq bażi full time.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-Kunsill għandu jimxi ma' option 1 tal-Artiklu 2.0.3 fejn tgħid li l-ftehim jista jinħall bil-kunsens ta' kulħadd<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta li Omar Farrugia jaħdem biss ħmistax –il ġurnata notice minflok dak li ffirma fil-kuntratt tiegħu, u ma jħallasx għan-notice li jkun ser jaħdem nieqes.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bdiet il-proċedura għal-sejħa ta' impjegat ġdid u s'issa applikat persuna waħda. Hi nfurmat ukoll li mhux ser ikollha garanzjija li l-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ fil-ħinijiet li qed ikun miftuħ bħalissa minħabba nuqqas ta' staff u minħabba li ma tistax twaqqaf il-leave tal-unika persuna mjegata full time.<br><br>Kien hemm qbil li l-interviews isiru nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru fis-13:00. |
| | | |
| ***20.11*** | | ***Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 20.11.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici talab informazzjoni għal seduta oħra tal-pagamenti li l-Kunsill ta liż-Żurrieq FC Nursery u Zurrieq Wolves. |
| | | |
| 20.11.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li jsiru wifi fil-ġonna kollha fiż-Żurrieq jew jiżdidu oħrajn ma dawk eżistenti bħalissa.<br>F'dan il-punt qamet diskussjoni u s-Sindku talab lill-Kunsillier Dino Bonnici biex jieqaf mid-diskussjoni sabiex titkompla s-seduta. Il-Kunsillier Dino Bonnici ma apprezzax dan il-ġest u l-attitudni ta' - mexxi mexxi |

| | | |
|---|---|---|
| | | u jgħaddi kollox tas-Sindku għax qal li fil-Kunsill qegħdin biex jiġu diskussi l-affarijiet mingħajr ma jonqsu mir-rispett lejn xulxin, u din l-attitudni mhux denja ta' Sindku importanti fin-nofsinhar ta' Malta.<br><br>Kien hemm qbil li dan jitla item f'aġenda li jmiss u jitressqu l-ammont minfuq fuq wifi fil-ġonna preżenti. |
| | | |
| 20.11.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal hemm bżonn li l-Kunsill jiċċekja x'hinhuma d-drittijiet tar-residenti f'Wied Babu u dan għandu jistaqsi lill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kunsillier Jean Pierre Attard ser jgħin fuq dan il-każ. |
| | | |
| 20.11.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jħossu mweġġa jara siġar u pjanti jmutu fil-ġonna u soft areas u d-distruzzjoni li teżisti fiż-Żurrieq fejn jirrigwardja l-Kuntratt tal-ġonna u soft areas. Hu żied jgħid li fis-snin li kienu jieħu ħsieb dan il-qasam hu, kien jagħmel diversi laqgħat kemm mal-contract's manager u kemm mal-kuntrattur ta' dak iż-żmien u kien jiġbed l-attenzjoni f'waqta qabel issir il-ħsara.<br>Kien hemm qbil unanimu li fjuri fir-raħal ma tarax għalkemm hemm imniżżel fil-kuntratt li għandhom isiru, u li l-Kuntrattur mhux jonora l-kuntratt.<br><br>Kien hemm qbil li ssir laqgħa fejn ikunu preżenti l-Kunsilliera David Abdilla, Joseph D'Amato u l-contract's manager u l-kuntrattur u jiġu diskussi dawn il-punti. |
| | | |
| 20.11.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia reġgħa talab biex titwaħħal mera li kienet inkissret fi Triq il-Qrendi. |
| | | |
| 20.11.6 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima infurmat li qed jidħlula ilmenti li Triq Wied Babu fil-parti t'isfel fejn sar l-iscarifying qed ikun ta' periklu għas-sewwieqa tal-muturi. Ma kienx hemm qbil li jsir tibdil fit-triq. |
| | | |
| 20.11.7 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima infurmat li dawk li qed imorru jixtru minn Triq il-Kbira u jipparkjaw għal ftit minuti qed jaqilgħu ċitazzjoni mis-CCTV li hemm f'Misraħ Repubblika.<br><br>Kien hemm qbil li l-LESA terġa tiġi nfurmata li l-Kunsill irid li s-CCTV tilħaq biss Misraħ Repubblika u Triq San Mikiel. |
| | | |
| 20.11.8 | | Is-Sindku Ignatius Farrugia talab biex isiru bollards ġodda fi Triq il-Ħaddiema faċċata ta' Terminus Bar.<br>Kien hemm qbil li minflok bollards isiru tabelli 'stricktly no parking' u sinjali tat-traffiku. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 20.11.9 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li hemm tabella magħwġa fi Triq Franġisk Zahra. Kien hemm qbil li jerġa jsir rapport fuqha. |
| | | |
| | | |
| ***20.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 20.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€36,087.23**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Dino Bonnici. |
| | | |
| ***20.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 20.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 30ta' Novembru, 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |
| | | |

Konfermati, illum 30 ta' Novembru, 2016.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**